MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru. 382/2011

**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**VS**
**DARREN DESIRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Darren Desira ta’ 38 sena, bin Alfred u Grace nee’ Cardona, mwieled il- Kanada nhar id- 9 ta’ Ottubru 1975, residenti 25, Il- Hora, Triq Ganni Cilia, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 96692M;

Talli nhar it- 8 ta’ Frar 2011 gewwa dawn il- Gzejjer;
1) minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Pierre William Buontempo jew igiblu disordni f’ mohhu, liema hsara tista’ ggib periklu ta’ debbulizza permanenti fis- sahha jew fil- funzjoni ta’ xi parti tal- gisem jew difett

permanenti f’ parti tal- ghamla tal- gisem jew inkella marda permanenti tal- mohh, jew igib mankament jew sfregju fil- wicc, fil- ghonq jew f’ wahda mill- idejn tal- offiz, u jekk igib marda tal- mohh jew tal- gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien izomm lill- offiz milli jmur ghax- xoghol tieghu, u dan skont ma ccertifika Dr Bassam Shamala MD (Reg no. 1661) mill- isptar Mater Dei, Msida;
2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti imposti fuqu tal- Artikoli 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta datat nhar it- 12 ta’ Novembru 2009 mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), preseduta mill- Magistrat Dr L. Quintano LL.D;
3) aktar talli b’ hekk fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b’ sentenza definittiva moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr L. Quintano LL.D datata 12 ta’ Novembru 2009;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 215, 216, 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Torbot lill-imputat b’obbligazzjoni tieghu nnifsu favur Pierre Buontempo ghal sena taht penali ta’ elfejn u tlett

mitt ewro (€2, 300) ai terminu tal- Artikolu 383 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------